



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 19.9.2018
JOIN(2018) 31 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL,
IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, IL-KUMITAT TAR-
REĠJUNI U L-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT**

Konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja - Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE

KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U L-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja - Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE

1. Introduzzjoni

Ir-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Asja għandha sinifikat globali u r-rabtiet x'aktarx jiżiedu fis-snin li ġejjin. L-Asja, b'madwar 60 % tal-popolazzjoni tad-dinja tammonta għal 35 % tal-esportazzjonijiet tal-UE (EUR 618-il biljun) u 45 % tal-importazzjonijiet tal-UE (EUR 774 biljun)¹. Kemm għall-Ewropa kif ukoll għall-Asja, l-interdipendenza globali dejjem tikber hija opportunità għal kooperazzjoni akbar, għal kooperazzjoni politika paċifika, relazzjonijiet ekonomiċi aktar b'saħħithom u ġusti, djalogu soċjali estensiv u kollaborazzjoni dwar is-sigurtà internazzjonali u reġjonali. L-Ewropa u l-Asja flimkien, jistgħu jkunu l-muturi ta' approċċ aktar kooperattiv għall-politika dinjija, l-istabbiltà globali u l-prosperità ekonomika reġjonali.

Biex jagħmlu bidla oħra f'din il-kooperazzjoni u biex jifflu opportunitajiet fl-ekonomija dinjija, l-UE u l-Asja jenħtieġ li jiżguraw konnettività effiċjenti u sostenibbli. Il-konnettività² tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, il-kompetittività u l-kummerċ dinji, u biex il-persuni, il-prodotti u s-servizzi jiċċaqalqu madwar u bejn l-Ewropa u l-Asja.

Xi wħud jikkalkulaw li l-Asja fid-deċennji li ġejjin se teħtieġ aktar minn EUR 1.3 triljun fis-sena ta' investiment fl-infrastruttura biex iżżomm ir-rati ta' tkabbir tal-lum u biex tadatta għat-tibdil fil-klima³. Meta mqabbel ma' dan, fl-UE, l-investiment fin-netwerk Trans-Ewropew għat-trasport huwa stmat li jeħtieġ EUR 1.5 triljun għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030. Madankollu dan mhuwiex purament sfida ta' investiment. L-Asja tinkludi reġjuni differenti, li jinkludu pajjiżi differenti ħafna f'termini ta' mudelli ekonomiċi u l-livell ta' żvilupp. Hemm bżonn li jkun hemm standards jew prattiki konsistenti u allinjati mar-regoli biex jitħeġġeġ l-aċċess għas-suq u l-moviment tal-merkanzija, servizzi, kapital u persuni madwar il-fruntieri. Biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' konnettività investimenti fuq perjodu itwal ta' żmien, huma meħtieġa standards ambjentali u soċjali għoljin, ippjanar adegwat u analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Biex jiġi evitat ir-riskju ta' dejn kbir jeħtieġ li tiġi żgurata sostenibbiltà fiskali u finanzjarja tal-proġetti ta' infrastruttura.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni tipproponi l-passi fundamentali lejn **Strateġija tal-UE dwar Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja** bi proposti konkreti ta' politika u inizjattivi li jtejbju l-konnessjonijiet bejn l-Ewropa u l-Asja, inkluż permezz ta' networks tat-trasport, l-enerġija u diġitali interpoerabbli⁴. Din il-Komunikazzjoni hija wkoll parti mill-kontribut tal-UE għat-Tnax-il Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM) f'Ottubru 2018, li se toffri l-opportunità li tiġi promossa l-konnettività u li titjeb il-kooperazzjoni mal-mas-šhab Asjatiċi.

¹ Ara ċ-Ċifri tal-2016, li jinsabu fuq http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/january/tradoc_147207.pdf

² Il-konnettività hija definita f'Dikjarazzjoni tal-Presidenti tat-Tlettax-il laqgħa tal-ministri għall-affarijiet barranin tal-ASEM f'Na Pyi Taw, il-Myanmar, fl-20 u l-21 ta' Novembru.

³ Asia Development Bank, Meeting Asia's Infrastructure Needs, 2017

⁴ L-importanza tal-konnettività għall-prosperità hija rikonoxxuta fl-10 prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea, fl-istrateġija dinjija dwar il-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp.

Din il-Komunikazzjoni jenħtieġ li tinqara flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Pluriennali⁵ li jmiss li jstabilixxi prijoritajiet ċari, li ġew iċċarati ulterjorment f'dawn l-aħħar Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni⁶ filwaqt li xorta waħda jipprovdu għal mezz biex jiġu promossi u appoġġati l-investimenti privati mad-dinja kollha.

2. Il-mod Ewropew: konnettività sostenibbli, komprensiva u bbażata fuq ir-regoli

Matul dawn l-aħħar deċennji l-UE kienet mutur għall-konnettività interna. Permezz tal-ħolqien tas-suq intern, l-UE ppermettiet il-fluss ħieles ta' persuni, prodotti, servizzi u kapital. Regoli mal-UE kollha — bħalma huma r-regoli tal-kontroll mill-UE tal-ġhajna mill-istat u regoli dwar l-akkwist — jiżguraw kompetizzjoni ġusta u trasparenti, filwaqt li l-politiki tal-Unjoni jiżguraw ukoll il-ħarsien ambjentali, is-sikurezza, is-sigurtà, kif ukoll id-drittijiet individwali u soċjali⁷. Bl-istess mod, l-UE tippromwovi wkoll ekonomija ċirkolari, b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u futur reżiljenti għall-klima biex tikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) u l-miri stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Dawn il-politiki ħeġġew investiment fil-konnettività transfruntiera, ibbażata fuq in-Netwerk Trans-Ewropew (TEN) ċar bi prijoritajiet u standards identifikati tajjeb. Iċ-ċittadini, bħala utenti ta' konnettività u n-negozji jibbenefikaw mill-kapaċità li jserrħu fuq infrastruttura pan-Ewropea effiċjenti, kompetizzjoni ħielsa u ġusta, kif ukoll standards komuni. Is-suq intern tal-UE wassal għal żieda fil-produttività u l-kompetittività u jista' jkun sors ta' ispirazzjoni fuq skala dinjija.

Il-politiki tal-UE dwar il-konnettività għandhom l-għan li jippromwovu effiċjenza fis-suq uniku tal-UE u jsaħħu l-konnettività fuq skala dinjija, b'enfasi fuq il-benefiċċji u d-drittijiet tan-nies. Dawn l-oġettivi huma appoġġati minn politiki dwar: l-iżvilupp sostenibbli, d-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-investiment, l-innovazzjoni u t-tmexxija globali.

L-esperjenza tal-UE tippermettilha li tippromovi approċċ ta' konnettività, li huwa sostenibbli, komprensiv u bbażat fuq ir-regoli:

- **Konnettività sostenibbli.** Biex jixprunaw il-produttività u joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi, l-investimenti fil-konnettività jeħtieġ li jiżguraw l-effiċjenza tas-suq u li jkunu fiskalment vijabbli. Biex twieġeb għall-isfidi tat-tibdil fil-klima u għad-degradazzjoni ambjentali, għandha tippromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tirrispetta standards għolja, imsejsa fuq valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali. Għal progress soċjali, jeħtieġ li taderixxi ma' standards għoljin ta' trasparenza u governanza tajba u tagħti leħen lil daww il-persuni affettwati mill-proġetti, skont konsultazzjonijiet pubbliċi xierqa. Il-politiki ta' konnessjoni jenħtieġ li jnaqqsu l-esternalitajiet negattivi, bħall-impatt ambjentali, il-konġestjoni, l-istorbju, it-tniġġis u l-inċidenti. Fi ftit kliem, il-konnettività trid tkun ekonomikament, fiskalment, ambjentalment u soċjalment sostenibbli fuq firxa ta' żmien twil.

⁵ Il-Komunikazzjoni "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027", COM(2018) 321.

⁶ Il-Komunikazzjoni "Alleanzi ta' Investimenti Sostenibbli u l-Impjiegi bejn l-Afrika u l-Ewropa", COM(2018) 643 u l-Komunikazzjoni "Lejn arkitettura finanzjarja aktar effiċjenti għal investimenti barra mill-Unjoni Ewropea", COM(2018) 644.

⁷ L-obbligu tat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali għal proġetti ta' infrastruttura ġiet introdotta l-ewwel fil-leġiżlazzjoni tal-UE fl-1985. Jenħtieġ li japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-prinċipju ta' prevenzjoni, il-prinċipju li l-ħsara lill-ambjent jenħtieġ li tisewwa f'ras il-ġhajna u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Ara t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 174(2).

- **Konnettività komprensiva.** Il-konnettività titratta n-netwerks u l-fluss ta' persuni, oġġetti, servizzi u kapital li jgħaddu minnhom. Dan ifisser konnessjonijiet ta' trasport, bl-ajru, bl-art jew bil-baħar. Dan ifisser netwerks diġitali, minn dawk mobbli sa dawk fissi, mis-sinla tal-internet sal-aħħar mil, minn kejbils sa satelliti. Dan jinkludi wkoll in-netwerks u l-flussi tal-enerġija, mill-gass, inkluż il-gass naturali likwifikat san netwerks tal-elettriku, minn sorsi rinnovabbli sal-effiċjenza fl-enerġija. Is-sinerġiji bejn it-tliet setturi li xi drabi jwasslu għal forom ġodda u innovattivi ta' konnettività, jenħtieġ li jiġu ottimizzati. Il-konnettività għandha dimensjoni kruċjali umana u l-interessi u d-drittijiet tan-nies jenħtieġ li jkunu fil-qalba ta' kull politika.
- **Konnettività internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.** Ir-regoli u r-regolamenti huma meħtieġa biex in-nies, il-merkanziji, is-servizzi u l-kapital jiċċaqalqu b'mod effiċjenti, ġust u bla xkiel. Prattiki, regoli, konvenzjonijiet u standards tekniċi miftiehma internazzjonalment, appoġġati minn organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali, jippermettu l-interoperabbiltà tan-netwerks u l-kummerċ bejn il-fruntieri. Fis-suq intern tagħha, l-UE tiggarrantixxi nondiskriminazzjoni u kundizzjonijiet ekwi għall-intrapriżi u tippromwovi ambjent ta' investiment miftuħ u trasparenti filwaqt li tippoteġi l-assi kritiċi tagħha⁸. L-UE jenħtieġ li tkompli tippromwovi proċessi ta' akkwist miftuħa u trasparenti fejn il-kumpaniji jenħtieġ li jgawdu kundizzjonijiet ekwi.

Fuq din il-bażi, l-UE se timpenja ruħha flimkien mal-ġirien tagħha u s-sħab Asjatiċi madwar tliet ferġat:

- L-ewwel, billi tikkontribwixxi għal konnessjonijiet u netwerks effiċjenti bejn l-Ewropa u l-Asja permezz ta' kuriduri tat-trasport ta' prijorità, rabtiet diġitali u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija li jaqdu lin-nies u l-ekonomiji rispettivi.
- It-tieni, billi tistabbilixxi sħubijiet għall-konnettività bbażati fuq regoli u standards miftiehma b'mod komuni li jippermettu governanza aħjar ta' flussi ta' prodotti, persuni, kapital u servizzi.
- It-tielet, billi tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-lakuni mdaqqa fl-investiment permezz tal-mobilizzazzjoni mtejbja tar-riżorsi, l-ingranaġġ imsaħħaħ ta' riżorsi finanzjarji tal-UE u t-tiżni ta' sħubijiet internazzjonali.

3. Il-bini ta' konnessjonijiet effiċjenti bejn l-Ewropa u l-Asja

Biex issaħħaħ aktar l-effiċjenza ta' konnessjonijiet eżistenti u futuri, l-Unjoni, flimkien mas-sħab tagħha, jenħtieġ li tindirizza l-konnessjonijiet tat-trasport, tal-enerġija u dawk diġitali bejn l-Ewropa u l-Asja, filwaqt li tqis il-bidla teknoloġika rapida, li għandha impatt qawwi fuq il-konnettività. Filwaqt li tindirizza l-konnessjonijiet fiżiċi bejn l-Ewropa u l-Asja, l-UE u s-sħab tagħha jenħtieġ li ukoll jinkoraġġixxu l-konnettività u l-mobbiltà fost l-istudenti, l-akkademiċi u r-riċerkaturi.

3.1. Trasport

Kemm is-sħab Asjatiċi kif ukoll l-Unjoni għandhom interess fl-iżvilupp ta' rotot u kurituri kummerċjali effiċjenti, ekonomikament vijabbli u ambjentalment sostenibbli bejn l-Ewropa u l-Asja. F'dak li jirrigwarda l-valur, illum, 70 % tal-kummerċ jinġarr bil-baħar, aktar minn

⁸ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-analiżi tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea (COM(2017) 487).

25 % jinġarr bl-ajru, filwaqt li ġarr bil-ferrovija jibqa' relattivament marġinali. Il-potenzjal għat-tkabbir fis-setturi kollha huwa sostanzjali.

L-UE jenħtieġ li ttejjeb il-konnettività tat-trasport flimkien mal-ġirien tagħha u mas-sħab Asjatiċi. L-UE jenħtieġ li taħdem lejn il-**konnessjoni tal-qafas żviluppat tajjeb tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) ma' networks fl-Asja**. TEN-T jinkludi prijoritajiet u standards ċari li jippromwovu trasport multimodali transfruntier u interoperabbli, jiġifieri taħlita ta' trasport bil-ferroviji, bil-baħar u bil-passaġġi tal-ilma interni. Biex dan il-għan jintlaħaq, l-UE tista' toffri għajnuna teknika kif xieraq biex tgħin lis-sħab tagħha jipplanaw is-sistemi tat-trasport tagħhom u jiżguraw l-interkonnessjoni tagħhom u jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-infrastruttura kif xieraq (ara l-parti 4). Metodi ġodda biex jiġu evalwati l-livelli ta' konnettività, pereżempju indiċi ta' konnettività se jgħin biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-opportunitajiet. L-UE jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll biex tagħmel il-konnettività tat-trasport mal-Asja aktar sikura.

Konnettività u sigurtà

Id-dinja tiddependi dejjem aktar fuq networks ta' *data* sofistikata u trasferimenti, konnessjonijiet tal-enerġija, ktajjen tal-valur perfettament f'waqthom u l-mobilità tan-nies. Il-ġestjoni ta' dawn il-flussi tfisser li nsibu l-bilanċ tajjeb bejn l-iffaċilitar tagħhom u l-iżgurar tas-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. Fi żmien ta' theddid u t-terroriżmu ibridu, "is-sigurtà tal-fluss" hija importanti. L-aċċess għal rotot ta' kummerċ għadu dipendenti fuq ambjent politiku u ta' sigurtà adegwat u huwa suġġett għall-indirizzar tal-isfidi, bħalma huma l-kriminalità organizzata transnazzjonali u kwalunkwe tip ta' dħul klandestin u t-traffikar illeċitu, iċ-ċibersigurtà u l-attakki fuq it-trasport u s-sigurtà tal-enerġija. Dawn l-isfidi ma jistgħux jiġu indirizzati biss permezz ta' politiki interni jew esterni ta' pajjiżi jew entitajiet. L-UE jenħtieġ li timpenja ruħha ma' pajjiżi sħab biex tagħmel il-konnettività tat-trasport mal-Asja aktar sikura b'mod partikolari fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

• **Trasport bl-ajru**

Ftehimiet dwar l-avjazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi joħolqu prospetti ekonomiċi ġodda billi jifih u s-swieq u jippromwovu l-opportunitajiet ta' investiment. Biex tippermetti t-tkabbir tat-trasport bl-ajru għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji minn pajjiżi tal-UE u minn pajjiżi sħab, l-UE bħalissa qed tinnegozja ftehimiet dwar l-avjazzjoni ma' diversi pajjiżi fil-viċinat tal-UE u l-Asja⁹. B'hekk, l-UE tindirizza wkoll l-impatt tal-avjazzjoni ambjentali u fuq il-klima, b'mod partikolari l-kwistjoni tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni. L-UE se tkompli tappoġġa fl-Ewropa, fl-Asja u lil hinn minnha, id-**dekarbonizzazzjoni fit-tul** meħtieġa ta' trasport bl-ajru, inkluż billi tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva ta' ftehimiet internazzjonali¹⁰ u permezz ta' attivitajiet immirati biex jibnu l-kapaċità fil-pajjiżi sħab.

• **Trasport bil-baħar**

L-UE tappoġġa tbaħħir nadif u sostenibbli billi tiżviluppa miżuri ta' politika fil-livell tal-UE u tinvolvi ruħha fl-isforzi ambjentali inklużi dawk tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (International Maritime Organisation, IMO). Bħala parti mill-istrateġija tagħha biex it-trasport jiġi dekarbonizzat, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-użu tal-**fjuwils alternattivi** fil-portijiet fl-Ewropa u l-Asja. Billi tkompli timpenja ruħha ma' pajjiżi

⁹ In-negozjati ġew finalizzati mal-Armenja u għadhom għaddejjin negozjati mal-ASEAN, l-Azerbajġan, it-Turkija u l-Qatar. Il-Kummissjoni inizjalat Ftehim taż-Żona Komuni tal-Avjazzjoni mal-Ukrajna, ftehim bilaterali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni maċ-Ċina u qed tinnegozja ftehim ieħor mal-Ġappun.

¹⁰ Il-Ftehimiet tal-ICAO (Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali).

terzi fl-Asja permezz ta' **ftehimiet fit-trasport marittimu** pertinenti, din se tgħin biex tirregola u tiffaċilita t-traffiku marittimu. Biex jitħaffu l-formalitajiet doganali, jenħtieġ li tippromwovi l-inizjattivi tagħha biex tiddiġitalizza u tissimplifika l-formalitajiet amministrattivi fil-portijiet fl-Asja¹¹. L-UE jenħtieġ li tinkoraġġixxi wkoll l-adozzjoni usa' tar-regoli ta' Rotterdam, li jrendu l-użu ta' dokumenti elettroniċi fit-tbaħħir aktar faċli¹². Biex tissaħħa is-sigurtà marittima, l-UE jenħtieġ li tipproponi miżuri addizzjonali u tkompli tappoġġa l-isforzi internazzjonali, inkluż permezz tal-IMO. L-UE jenħtieġ li tkompli tiżviluppa r-rwol ta' tqarrib tal-baċin tal-Baħar l-Iswed.

- **It-Trasport bil-Art**

Fis-settur tat-**trasport bil-ferrovija**, jenħtieġ li l-UE, flimkien mas-sħab tagħha, jaħdmu lejn iż-żieda tal-kompetittività tal-konnessjonijiet bil-ferrovija billi jnaqqsu l-ħinijiet tat-tranżitu u jittjiebu l-fatturi tat-tagħbija. L-UE estendiet in-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, u reċentement qablet dwar l-estensjoni tat-TEN-T ma' sitt pajjiżi sħab tal-Lvant (l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarussja, il-Ġeorġja, il-Moldova, l-Ukrajna). Kemm il-konnessjonijiet ferrovjarji **Tramuntana-Nofsinhar**¹³ kif ukoll il-konnessjonijiet¹⁴ ferrovjarji **Lvant-Punent** jista' jkollhom rwol importanti fil-futur. Il-konnessjoni ferrovjarja bejn l-UE u ċ-Ċina b'mod partikolari ilha tesperjenza tkabbir qawwi. L-isfidi għal l-vijabbiltà ekonomika fit-tul u n-newtralità kompetittiva ta' din il-konnessjoni ferrovjarja jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-UE qed tappoġġa l-inizjattiva tal-Liġi Unifikata dwar il-Ferroviji tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (United Nations Economic Commission for Europe, UNECE) li qed tfittex li tgħaqqad ir-reġim legali għall-ġarr ta' merkanzija bil-ferrovija min-naħa għall-oħra tal-kontinent Ewroasjatiku. L-UE se taħdem ma' organizzazzjonijiet tat-trasport ferrovjarju rilevanti biex testendi l-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika tal-UE u l-oqfsa tal-ġestjoni tas-sikurezza¹⁵. Għall-konnettività Ewro-Asjatika, **it-trasport bit-triq** ġeneralment jagħmel sens fuq distanzi medji (bħal pereżempju l-Asja Ċentrali) u bħala netwerk ta' trasport sekondarju flimkien ma' modi oħra ta' trasport. Barra minn hekk, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet soċjali adegwati għall-ħaddiema fis-settur u li l-kompetizzjoni ġusta bejn il-kumpaniji tat-trasport fit-triq huma fundamentali. Fl-involviment tagħha mal-pajjiżi Asjatiċi, l-UE jenħtieġ li tiffoka fuq il-promozzjoni tas-**sikurezza tat-triq** permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-aktar soluzzjonijiet xierqa biex jitnaqqsu l-imwiet u l-korrimenti fit-toroq tagħna. L-UE se tgħin ukoll biex tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni **doganali**, tiżviluppa kooperazzjoni dwar it-tranżitu kemm bilateralment kif ukoll permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (World Customs Organisation, WCO).

3.2. Il-konnettività diġitali

Links tan-netwerk b'kapaċità għolja huma kruċjali għall-appoġġ tal-ekonomija diġitali. Ir-rabtiet tan-netwerk ewlenin ma' pajjiżi Asjatiċi u ma' pajjiżi terzi oħra se jikkontribwixxu għal suq żviluppat għal kollox u jipprovdu l-bandwidth meħtieġ, u kriterji oħra tal-kwalità

¹¹ Il-Komunikazzjoni "L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018", COM(2009) 8).

¹² Il-Konvenzjoni tan-NU dwar Kuntratti għall-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija Kompletament jew Parzjalment bil-Baħar (2008).

¹³ Il-konnessjonijiet bil-ferrovija bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar jgħaqqdu l-Mediterran, il-Baħar l-Iswed u l-Golf għall-Baħar tat-Tramuntana, il-Baltiku u l-Arktiku.

¹⁴ Il-konnessjonijiet bil-ferrovija bejn il-Lvant u l-Punent jgħaqqdu l-UE maċ-Ċina u l-Asja Ċentrali.

¹⁵ L-Organizzazzjoni Intergovernattiva għall-Ġarr Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni tal-Ferroviji.

għal din l-infrastruttura dejjem aktar kritika. Aċċess universali u bi prezzijiet raġonevoli għall-internet huwa **faċilitatur verifikat tal-iżvilupp soċjoekonomiku**.

Fir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi Asjatiċi, l-UE jenħtieġ li tippromwovi ambjent tal-ICT paċifiku, sikur u miftuħ, filwaqt li tindirizza theddidiet taċ-ċibersigurtà u tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem online, inkluża l-protezzjoni tad-*data* personali. Hemm bżonn ta' approċċ regolatorju koerenti biex jappoġġa l-investment privat u pubbliku fl-infrastruttura "diġitali"¹⁶ kif ukoll politiki u inċentivi biex jitnaqqas id-distakk diġitali, partikolarment f'reġjuni remoti jew pajjiżi mdawrin bl-art. Għal dan il-għan, l-Unjoni se tkompli, kif xieraq, **l-istrateġija Digital4Development**¹⁷ tagħha fl-Asja biex tippromwovi teknoloġiji u servizzi diġitali għat-tkattir tal-iżvilupp soċjo-ekonomiku.

3.3. Il-konnettività tal-enerġija

Il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija tal-UE flimkien mal-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 u l-istrateġija tal-unjoni tal-enerġija qanqlu t-trasformazzjoni mmexxija mis-suq lejn l-enerġija nadifa. Dawn wasslu għal netwerk tal-elettriku aktar dekarbonizzat u interkonness, fatt kruċjali għal kompetizzjoni u faċilitatur ewlieni għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli varjabbli. Fuq il-bażi tal-esperjenza tagħha, l-UE jenħtieġ li tippromwovi **pjattaformi ta' konnettività tal-enerġija** reġjonali li jiffokaw fuq il-prinċipji tas-suq, iħeġġu l-modernizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet nofda (deċentralizzati), l-effiċjenza fl-enerġija u **l-appoġġ l-konnettività tal-enerġija kemm bejn u mas-sħab fl-Asja**.

3.4. Konnettività bejn in-nies

Il-konnettività u l-mobilità fost l-istudenti, l-akkademiċi u r-riċerkaturi **hija kruċjali għal fehim reċiproku u għat-tkabbir ekonomiku**. Sa mill-2014, il-programmi differenti ffinanzjaw il-mobbiltà ta' aktar minn 18 000 student, riċerkatur u persunal. L-UE jenħtieġ li tkompli ssaħħaħ l-iskambji ta' studenti u akkademiċi mal-pajjiżi Asjatiċi permezz tal-programm Erasmus, l-azzjonijiet Marie Skłodowska Curie, ir-rikonnoxximent reċiproku ta' diplomi, u l-iskambju ta' riċerkaturi u innovaturi reġjonali. L-UE jenħtieġ li tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-bliet, inkluża l-interazzjoni bejn il-Kapitali tal-Kultura tal-UE u l-kontropartijiet tagħhom fl-Asja, kif ukoll iżżid il-mobilità tal-artisti u l-kooperazzjoni fl-isport.

Azzjonijiet ewlenin għal Kapitolu 3

Il-Kummissjoni se:

- *Tiżviluppa metodoloġija għall-evalwazzjoni tal-livelli ta' konnettività sostenibbli fl-Ewropa u l-Asja u l-impatt ekonomiku tagħha fl-UE u r-reġjuni tagħha.*
- *Tippromwovi l-iskambju ta' data għad-dwana u kurituri tat-trasport diġitali u tivvaluta r-riskji.*

¹⁶ Ara l-Komunikazzjoni "Strateġija Moderna tal-Baġit għal Unjoni li Tipproteġi, Tawtonomizza u Tiddefendi", COM(2018) 321, fejn il-Kummissjoni pproponiet li tippromwovi l-konnettività diġitali mal-pajjiżi Asjatiċi u ma' pajjiżi oħra permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2021-27.

¹⁷ Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "Digital4Development: l-integrazzjoni tat-teknoloġiji u s-servizzi diġitali fil-Politika tal-Iżvilupp tal-UE", SWD(2017) 157.

- *Tkompli n-negozjati għal Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), l-Ażerbajġan, it-Turkija u l-Qatar, u tffirma Ftehimiet Bilaterali dwar is-Sikurezza fl-Ajru mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina (iċ-Ċina) u l-Ġappun.*
- *Tippromwovi ftehimiet fuq id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport f'fora internazzjonali, b'mod partikolari fis-settur tal-avjazzjoni u f'dak marittimu.*
- *Tippromwovi d-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni amministrattiva tat-trasport marittimu fl-Asja u l-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed kif ukoll l-adozzjoni tar-regoli ta' Rotterdam.*
- *Tesplora l-possibbiltà li testendi l-mandat tal-koordinatur(i) tal-UE tal-kuridur TEN-T (i) fir-reġjun tat-Tkabbir u tal-Viċinat fi ħdan ir-rieżami previst tar-Regolament TEN-T li jeħtieġ li jitlesta sal-2023.*
- *Taħdem fuq standards għal użu etiku għal teknoloġiji progressivi bħalma hi l-Intelliġenza Artifiċjali u tippromwovi konformità sħiħa ma' imġiba responsabbli tal-istati online.*
- *Tkompli tippromwovi l-Erasmus u l-azzjonijiet Marie Skłodowska Curie fl-Asja u arranġamenti ta' reċiproċità relatati biex jiżiedu l-opportunitajiet għal skambju u mobbiltà.*

4. Il-bini ta' sħubijiet internazzjonali għal konnettività sostenibbli

Hemm **firxa varjata ta' atturi** u d-dinamiċi li jistabbilixxu l-parametri għall-kooperazzjoni f'konnettività sostenibbli¹⁸. Sabiex issegwi b'mod effettiv il-konnettività, l-UE jenħtieġ li ssaħħaħ aktar is-sħubiji eżistenti u tibni sħubijiet bilaterali, reġjonali u internazzjonali oħra li huma sostenibbli, miftuħa, inklużiva u bbażati fuq ir-regoli.

4.1. Kooperazzjoni bilaterali

L-UE hija sieħeb ewlieni **fil-koperazzjoni għall-iżvilupp u l-investment** fl-Asja. Id-djalogi tal-iżvilupp jindirizzaw ukoll l-investment u l-konnettività sostenibbli u jenħtieġ li jinkludu l-kooperazzjoni potenzjali ma' pajjiżi terzi. F'dan il-kuntest, l-UE u s-sħab Asjatiċi tagħha jistgħu jaħdmu aħjar flimkien biex itejbu l-ambjent regolatorju, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi. L-UE se toffri wkoll l-appoġġ tagħha, *inter alia* permezz ta' assistenza teknika, biex issaħħaħ l-ippjanar tal-kapaċità, biex tiżviluppa u timplimenta proġetti ta' konnettività, politiki u reġimi regolatorji, ibbażati fuq standards internazzjonali u l-aħjar prattiki.

Il-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi individwali jenħtieġ li tiġi adattata għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Pereżempju, maċ-Ċina, l-UE jenħtieġ li ssaħħaħ il-koperazzjoni eżistenti fuq l-infrastruttura rispettiva u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, tippromwovi l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' aċċess għas-suq u kundizzjonijiet ekwi, kif ukoll tiddependi fuq standards internazzjonali fl-inizjattivi transfruntiera dwar il-konnettività. Rigward il-

¹⁸ Ara d-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal SWD (2017) 436, "Eżerċizzju tal-Immappjar tal-Konnettività Ewro-Asjatiċi — Sejbiet Prinċipali" dwar id-diversi inizjattivi ta' konnettività mwettqa mis-sħab tal-UE.

Ġappun, l-UE jenħtieġ li tikkoordina mill-qrib l-isforzi għall-promozzjoni ta' standards internazzjonali u l-kooperazzjoni reġjonali fl-Asja, b'mod partikolari billi ssaħħaħ id-djalogu tat-trasport bejn l-UE u l-Ġappun. Fix-Xlokk tal-Asja, l-UE jenħtieġ li tkompli d-djalogu tat-trasport ma' Singapor li beda fl-2011.

Fl-istess ħin, l-UE jenħtieġ li twessa' d-djalogu fuq konnettività sostenibbli ma' sħab oħra Asjatiċi inklużi l-Afganistan, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, il-Pakistan, ir-Russja, ir-Repubblika tal-Korea, it-Turkija, u pajjiżi tal-Asja Ċentrali, kif ukoll l-Awstralja u l-Istati Uniti.

Konnettività sostenibbli u t-tkabbir tal-UE u l-politika tal-viċinat

Il-konnettività hija aspett importanti tal-politiki tat-tkabbir u tal-viċinat tal-UE. Minħabba li pajjiżi koperti minn dawn il-politiki japprossimaw jew jarmonizzaw l-approċċi tagħhom ma' dawk tal-UE, il-konnettività sostenibbli qed tiġi introdotta gradwalment fil-leġiżlazzjoni tagħhom.

Fil-kuntest tal-politika l-ġdida tal-UE fil-Balkani tal-Punent,¹⁹ il-Kummissjoni dan l-aħħar nediet inizzjattivi ewlenin għal konnettività akbar u għal aġenda diġitali għar-reġjun. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni ta' Sofija tas-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent ta' Mejju 2018 twieġhed li żżid b'mod sostanzjali l-konnettività fid-dimensjonijiet kollha tagħha: it-trasport, l-enerġija, is-settur diġitali, u umani²⁰. Bħalissa qed jitħejja pjan ta' azzjoni għal investiment fit-trasport fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant flimkien mal-impenn reċenti li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ekonomija diġitali.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tiżgura li l-konnettività sostenibbli titqies aktar fil-politiki tat-tkabbir u tal-viċinat tal-UE u tiġi promossa aktar il-konverġenza teknika u regolatorja f'dan il-qasam. Hi se tipprovi wkoll aktar assistenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku u tippromwovi t-trasparenza u l-aħjar prattiki.

4.2. Kooperazzjoni reġjonali

L-UE għandha esperjenza fl-istabbiliment ta' strutturi ta' kooperazzjoni reġjonali, bħal dawk madwar ir-reġjun tal-Baħar Baltiku. Fil-ħidma tagħha mal-pajjiżi sħab tagħha, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-UE jenħtieġ li tikkunsidra l-iżvilupp ta' **approċċi ta' kooperazzjoni reġjonali għall-konnettività** għall-Asja, li jipprovdu analiżi ta' attivitajiet marbuta mal-konnettività f'reġjuni speċifiċi, lakuni fil-konnettività u opportunitajiet għal kooperazzjoni biex tappoġġa l-konnettività bejn l-UE u l-Asja.

L-Asja għandha bosta organizzazzjonijiet u mekkaniżmi internazzjonali ma' mandati li jitrattaw il-konnettività²¹. In-natura tal-involvement tal-UE ma' dawn l-organizzazzjonijiet

¹⁹ Il-Komunikazzjoni "Perspettiva tat-tkabbir kredibbli għal u involviment imsaħħaħ tal-UE mal-Balkani tal-Punent" COM(2018) 65.

²⁰ Id-Dikjarazzjoni ta' Sofija (Mejju 2018). Tinsab hawn: http://www.consilium.europa.eu/media/34776/sofia-declaration_en.pdf.

²¹ Inkluż ASEM, ASEAN, l-Inizzjattiva tal-Bajja ta' Bengal għal Kooperazzjoni f'Diversi Setturi Teknika u Ekonomika, il-Kooperazzjoni Ekonomika Reġjonali tal-Asja Ċentrali, l-Assoċjazzjoni tal-Asja tan-Nofsinhar, il-Kooperazzjoni Ekonomika Sottoreġjonali tal-Asja tan-Nofsinhar u l-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni ta' Shanghai.

tiddependi fuq l-attivitajiet u l-ambitu ta' azzjoni tagħhom. L-ASEM hija pjattaforma importanti għall-kollaborazzjoni mas-sħab Asjatiċi ewlenin. Jenħtieġ li l-UE tkompli ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mal-ASEAN, attur ċentrali fil-konnettività fl-Asja tax-Xlokk, b'appoġġ tal-Pjan Regolatorju dwar il-Konnettività tal-ASEAN 2025 u l-konverġenza ta' standards fi ħdanha, inkluż permezz tad-djalogu preżenti dwar it-trasport²². Fl-aħħar nett, l-UE jenħtieġ li wkoll tippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali dwar konnettività sostenibbli bħala aspekk ewlieni tal-istrateġija tagħha għall-Asja Ċentrali.

4.3. Kooperazzjoni internazzjonali

Il-kooperazzjoni internazzjonali għandha rwol ċentrali biex tiddetermina l-oqfsa legali u l-forom konkreti li tiegħu l-konnettività. Din għandha rwol importanti fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà ta' dawn l-oqfsa, kif uriet l-aħħar inizjattiva tal-UE dwar il-governanza tal-oċeani.

Governanza tal-oċeani
<p>L-UE hija impenjata għal-libertà ta' navigazzjoni u ta' governanza sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra. F'Novembru 2016, il-Komunikazzjoni Kongunta²³ pproponiet 50 azzjoni għal oċeani aktar sikuri, siguri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli madwar id-dinja, billi tfittex "sħubijiet tal-oċean" ma' atturi ewlenin. Flimkien mal-Bank Dinji, l-UE ħolqot "Qafas għall-Iżvilupp tal-Ekonomija Blu" li se jgħin lill-istati kostali, ir-reġjuni u l-komunitajiet jagħmlu t-tranżizzjoni lejn ekonomiji blu permezz tat-twaqqif ta' mekkaniżmi ta' finanzjament imħallat għal investimenti pubbliċi-privati fuq perjodu ta' 30 sena.</p>

Organizzazzjonijiet internazzjonali²⁴ jiżviluppaw **standards u ftehimiet internazzjonali**, li l-infurzar u r-rikonoxximent tagħhom huwa meħtieġ għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, il-promozzjoni tal-aċċess għas-suq, il-kummerċ ħieles u ġust u għall-iżguraw tal-**interoperabbiltà ta' networks**²⁵. L-istandards internazzjonali adottati b'mod komuni jipprevedu armonizzazzjoni teknika li tippermetti l-interoperabbiltà tan-networks differenti. Organizzazzjonijiet tal-Istandardizzazzjoni Internazzjonali u Ewropej²⁶ huma sħab essenzjali tal-UE, u jiżguraw armonizzazzjoni teknika fl-Ewropa u l-Asja, ibbażata fuq elaborazzjoni bbażata fuq il-kunsens ta' standards immexxija mill-industrija. Il-Kummissjoni se taħdem ma' dawn l-organizzazzjonijiet u mal-industriji rilevanti biex twettaq rieżami tal-ħtieġa għal standards relatati mal-konnettività. Il-Kummissjoni se żżid id-dispożizzjoni ta' assistenza teknika u tikkoordina aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u mas-sħab barranin biex tiżgura l-impenn ta' pajjiżi terzi ewlenin

²² Fejn rilevanti, l-UE tista' timpenja ruħha fil-livell tekniku mal-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika u l-Istati Membri tagħha, bil-għan li tikseb konverġenza aktar mill-qrib tar-regolamenti u standards tekniċi tagħhom ma' daww internazzjonali.

²³ Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Governanza Internazzjonali tal-Oċeani", JOIN(2016) 49.

²⁴ Inkluż l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, l-UNECE u l-Kumitat tat-Trasport Intern tagħha; fit-trasport bil-ferrovija, OTIF u OSJD; fl-enerġija, l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli. Organizzazzjonijiet prinċipali oħrajn b'mandat globali se jinkludu l-IMO, l-ICAO, l-ITU u l-ILO għad-drittijiet soċjali.

²⁵ Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għall-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċizzjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali u l-Konvenzjoni Espoo tal-UNECE dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-Protokoll tagħha dwar Valutazzjonijiet Ambjentali Strateġiċi.

²⁶ Il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni; il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet.

għal dawn l-istandards u l-adozzjoni tagħhom b'mod aktar wiesgħa. B'mod ġenerali, l-UE jenħtieġ li ssaħħaħ l-involviment tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ssaħħaħ ir-rappreżentanza esterna, il-parteċipazzjoni u l-koordinazzjoni tagħha.

Azzjonijiet ewlenin għall-Kapitolu 4

Il-Kummissjoni se:

- *Tintensifika l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fil-Pjattaforma ta' Konnettività bejn l-UE u ċ-Ċina, biex tippromwovi l-ekonomija diġitali, l-konnettività tat-trasport effiċjenti u mobilità intelliġenti, sostenibbli sikura u sigura ibbażata fuq l-estensjoni tan-netwerk tat-TEN-T, u tippromwovi kundizzjonijiet ekwi fl-investment.*
- *Tappoġġa l-konnettività sostenibbli fi djalogi ta' politika u ta' żvilupp ma' pajjiżi terzi.*
- *Tapprofondixxi l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti fl-Asja u tmexxi l-approċi ta' kooperazzjoni ta' konnettività reġjonali għall-Asja.*
- *Tikkoopera ma' Organizzazzjonijiet tal-Istandardizzazzjoni Ewropej u Internazzjonali u l-membri nazzjonali tagħhom fid-dawl tal-iżvilupp effiċjenti u konġunt tal-istandards tekniċi neċessarji, inkluż permezz ta' assistenza teknika mmirata u kooperazzjoni teknika.*
- *Taħdem mal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE) biex tgħaqqad ir-reġim legali għall-ġarr ta' merkanzija bil-ferrovija min-naħa għall-oħra tal-kontinent Ewroasjatiku, u mal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni tal-Ferroviji (OSJD) biex testendi l-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-UE u l-oqfsa tal-ġestjoni tas-sikurezza.*

5. Aktar investment u investment aħjar fil-konnettività sostenibbli

B'mod dinji, il-ħtiġijiet għall-investment għall-konnettività mhux qed jintlaħqu. Studju tal-Bank Dinji juri li l-aktar pajjiżi foqra, proporzjonalment għandhom l-ogħla bżonnijiet (12,5 fil-mija tal-PDG bħala medja) u l-akbar distakki (7,5 fil-mija tal-PDG) fin-nefqa infrastrutturali. Hemm bżonn ta' approċċ komprensiv għall-finanzjament biex jindirizza d-diskrepanza mdaqqa fl-investment. Dan jibda b'mobilizzazzjoni aħjar tar-riżorsi domestiċi, mudelli tal-ipprezzar għall-użu tal-infrastruttura, u oqfsa regolatorji. Dan huwa minnu wkoll fil-każ tal-Asja fejn id-differenzi reġjonali huma wiesgħa²⁷.

5.1. Finanzjament tal-UE ġdid u innovattiv għall-konnettività

Din il-Komunikazzjoni ma għandhiex l-għan li tistabbilixxi pjan ta' investment, għalkemm l-istrumenti finanzjarji eżistenti u futuri tal-UE jistgħu joffru xi perspettivi biex jappoġġaw l-investment privat fi proġetti relatati mal-konnettività.

²⁷ Inderst, George (2018), "Infrastructure Investment, Private Finance, and Institutional Investors: Asia from a Global Perspective", l-Istitut tal-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp.

L-UE diġà għandha **rekord** b'saħħtu fl-appoġġ finanzjarju għall-konnettività²⁸. Faċilitajiet ta' investiment ġeografiċi, bħall-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (Neighbourhood Investment Facility, NIF), il-Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (Investment Facility for Central Asia, IFCA) u l-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (Asia Investment Facility, AIF), kienu qegħdin jipprovdu finanzjament u assistenza teknika għall-infrastruttura u l-konnettività. Il-faċilitajiet ta' Investiment għall-Asja u tal-Asja Ċentrali biss ingranaw aktar minn EUR 4,2 biljun ta' investimenti bejn l-2010 u nofs l-2018 permezz ta' taħlita ta' għotjiet u self²⁹. Il-pjan ta' Investiment għall-Ewropa jippreżenta wkoll opportunitajiet konkreti għal koinvestimenti fl-Ewropa.

Għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2021-2027), il-Kummissjoni pproponiet bosta miżuri innovattivi li jistgħu jixprunaw l-investiment pubbliku u privat fil-konnettività. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi b'mod partikolari qafas ta' investiment għall-azzjoni esterna, li jibnu fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli³⁰ attwali (li huwa parti tal-Pjan ta' Investiment Estern tal-UE u japplika għall-Afrika u l-Viċinat), biex jipprovdi finanzjament biex jikkatalizza kapital pubbliku u privat addizzjonali. Filwaqt li l-fokus primarju tiegħu se jkun fuq l-Afrika u fuq il-Viċinat tal-UE, parti mir-riżorsi tiegħu se jkunu dedikati wkoll lejn żoni ġeografiċi oħrajn.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi kollha biex trendi l-qafas istituzzjonali u operattiv għal investimenti esterni tal-UE aktar effettiv u operattiv, biex iwieġeb għal sfidi ta' investiment prinċipali tagħna. Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni³¹ tenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali biex tkun tista' tiddependi fuq taħlita ta' sorsi ta' finanzjament, speċjalment billi tinkludi aktar investiment privat, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa li jsir l-aħjar użu minn strumenti eżistenti, l-aktar mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli. Il-Komunikazzjoni tappella wkoll lill-istituzzjonijiet finanzjarji u ta' żvilupp ewlenin attivi fil-finanzjament tal-iżvilupp biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom.

Finanzjament innovattiv għal kooperazzjoni internazzjonali fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (2021-2027)

F'Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha³² għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss tal-UE, li tinkludi miżuri li jipromwovu l-investiment, inkluż fil-konnettività sostenibbli. Il-

²⁸ Bejn l-2014 u nofs l-2018, il-Faċilità ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent immobilizzat madwar EUR 2,4 biljun ta' investimenti fil-konnettività, billi l-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat immobilizzat madwar EUR 2,9 biljun ta' investimenti fil-konnettività f'pajjiżi sħab tal-Lvant.

²⁹ Pereżempju, il-BEI jikkontribwixxi b'EUR 70 miljun għall-Proġett Kummerċjali tat-Trażmissjoni tal-Elettriku tal-Asja Ċentrali u l-Asja t'Isfel (CASA-1000), li jippermetti t-trażmissjoni tal-elettriku bejn il-Kirgiżistan, it-Taġikistan mal-Afganistan u l-Pakistan.

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (European Fund for Sustainable Development, EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD.

³¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ewropew tal-Investiment. Lejn arkitettura finanzjarja aktar effiċjenti għal investiment barra mill-Unjoni Ewropea, COM(2018) 644.

³² Il-Komunikazzjoni "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027", COM(2018) 321. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn arkitettura finanzjarja aktar effiċjenti għal investimenti barra mill-Unjoni Ewropea", COM(2018) 644 tistabbilixxi l-arkitettura ta' investiment estern proposta.

Kummissjoni qed tipproponi struttura ġdida, b'investiment estern, b'kopertura dinjija estiża, inkluż l-Asja³³. Bħall-predeċessur tagħha, hija se timmobilizza finanzjament pubbliku u privat permezz ta' garanzija msaħħa tal-UE, li tista' tkun ikkumplementata minn għotjiet u self. Jekk ikun hemm qbil, l-arkitettura l-ġdida se tippromwovi aktar investiment, inkluża konnettività sostenibbli. L-espansjoni proposta tal-baġit għar-riċerka tal-UE se tgħin it-tranżizzjoni lejn forom aktar sostenibbli ta' konnettività.

L-UE jenħtieġ li ssaħħa il-kooperazzjoni mal-**istituzzjonijiet tal-finanzi pubbliċi u privat tal-Istati Membri tal-UE inklużi l-fondi sovranu** tirsisti ħalli tikseb metodoloġija aktar mill-qrib ta' attivitajiet miftiehma magħhom. Biex jippromwovu l-finanzjament sostenibbli, l-UE u l-istituzzjonijiet mutwanti Ewropej jenħtieġ li jtejbu wkoll id-djalogu mal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati ta' pajjiżi terzi, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Finanzjament għat-Tkabbir Sostenibbli³⁴. Il-pjan ta' Azzjoni huwa mudell għal diskussjonijiet f'fora internazzjonali, li jimmira għal ġestjoni aktar sostenibbli tas-sistema finanzjarja. Il-Kummissjoni tteġġeg il-kooperazzjoni dwar finanzji sostenibbli u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-banek Ewropej, inklużi banek pubbliċi u banek oħra ta' pajjiżi mhux tal-UE. Dan se jappoġġa wkoll inizjattivi ta' responsabilità soċjali korporattiva biex jimplimenta standards internazzjonali għall-finanzjament ta' proġetti relatati mal-konnettività. L-UE għandha tappoġġa l-proċessi fil-G7, il-G20, u l-OECD, biex tallinja l-prattiki tas-self ta' istituzzjonijiet tal-finanzi pubbliċi mal-prinċipji ta' konnettività sostenibbli.

5.2. Sħubiji internazzjonali fil-finanzi

L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (International Financial Institutions, IFIs) u l-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (Multilateral Development Banks, MDBs) huma komponent ċentrali fl-arkitettura globali għall-finanzjament tal-konnettività. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), bħala l-Bank tal-UE u msieħba ta' investiment, u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), it-tnejn li huma espandew is-self tagħhom, li jipprovdi opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni. L-FMI u l-Bank Dinji huma msieħba importanti għal kooperazzjoni dwar is-sostenibbiltà tad-dejn u l-konnettività. L-UE jenħtieġ li wkoll tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp (Asian Development Bank, ADB) u mal-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura (Asian Infrastructure Investment Bank, AIIB), filwaqt li tiżgura li l-prijoritajiet tal-UE jiġu rispettati bis-sħiħ f'dawn ir-relazzjonijiet. L-appoġġ ta' MDBs huwa essenzjali fl-implimentazzjoni tal-“Pjan direzzjonali għal Infrastruttura bħala Klassi tal-Assi” tal-G20 u adożzjoni aktar wiesgħa ta' pjattaformi ta' ġestjoni tal-infrastruttura għandha tgħin biex ittejjeb l-implimentazzjoni ta' proġetti³⁵. Jenħtieġ li jkun hemm ukoll l-għan ta' koordinazzjoni msaħħa tas-sħubija fl-UE fl-MDBs.

5.3. Kundizzjonijiet ekwi għan-negozju

Il-prerekwiżiti importanti għan-negozji biex jiżviluppaw u jippromwovu l-konnettività bejn l-UE u l-Asja għandhom kundizzjonijiet ekwi fl-aċċess għas-suq u l-investimenti diretti

³³ Ara l-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq, fin-nota tal-qiegħ tal-paġna nru 30.

³⁴ Il-Komunikazzjoni dwar “Pjan ta' Azzjoni: Il-finanzjament għat-Tkabbir Sostenibbli” COM (2018) 97.

³⁵ Pereżempju, għall-pjattaforma ta' ġestjoni SOURCE, ara s-sit web tal-Fondazzjoni tal-Infrastruttura Sostenibbli, <https://public.sif-source.org/>.

barranin; ġustizzja u trasparenza fl-akkwist pubbliku; prattiki mhux diskriminatorju għas-suq; u l-bilanċ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprietà intelletwali³⁶. Għalhekk, oqfsa makroekonomiċi bsaħħithom u ta' stabbiltà fiskali, politiki u riformi settorjali tajba, oqfsa fiskali u baġitarji annwali u fuq perijodu medju komprensivi u sistemi tajba ta' ġestjoni finanzjarja pubblika tajba huma essenzjali. L-UE se tkompli tappoġġa inizjattivi li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għan-negozji. Adeżjoni usa' għall-**Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi** (GPA) tad-WTO tkun pass konkret 'il quddiem. L-adozzjoni rapida tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-Istrument ta' Akkwist Internazzjonali³⁷ se tinkoraġġixxi lis-sħab biex jingħaqdu u biex ikunu aktar konkreti fuq impenji għall-aċċess għas-suq. L-UE jenħtieġ li tkompli tinkoraġġixxi lis-sħab jużaw kriterji tal-kwalità u l-ispiża taċ-ċiklu sħiħ fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. Biex jintlaħqu kundizzjonijiet ekwi se jeħtieġ ukoll titjib fit-trasparenza ta' **sistemi ta' kreditu għall-esportazzjoni**. Prattiki diskriminatorji jenħtieġ li jiġu eliminati. Il-grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni jenħtieġ li jstabbilixxi dixxiplini biex jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-esportaturi ta' pajjiżi differenti.

L-UE beħsiebha tintensifika l-isforzi tagħha fid-**diplomazija ekonomika**³⁸ fl-Asja. Hija beħsiebha tappoġġa l-pjattaformi għat-tlaqqiġ tan-negozji Ewropej u Asjatiċi, b'enfasi fuq l-SMEs u l-ħolqien ta' bażi għal konnettività Ewro-Asjatiċka tal-Grupp Konsultattiv tal-Intrapriżi. L-UE jenħtieġ li tkompli tippromwovi l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment tagħha (fil-futur, il-Portal InvestEU), li jippermetti viżibbiltà dwar opportunitajiet ta' investiment lil investituri interessati kollha tal-UE.

Azzjonijiet ewlenin għal Kapitolu 5

Il-Kummissjoni (u fejn xieraq ir-Rappreżentant Għoli) se:

- *Jiffaċilitaw l-investiment għal konnettività Ewro-Asjatika permezz tal-faċilitajiet ta' investiment u garanziji, li jinvolvu banek pubbliċi Ewropej (BEI, BERŻ u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri u istituzzjonijiet), u l-IFIs, f'konformità mal-istandards internazzjonali u kundizzjonijiet ekwi.*
- *Iżidu l-kooperazzjoni tal-UE dwar l-investiment mal-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp u l-Bank Ażjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura.*
- *Jistabbilixxu Grupp Konsultattiv dwar in-Negozju għall-konnettività Ewro-Asjatika.*
- *Jagħmlu enfasi għal trasparenza mtejbja tal-akkwist pubbliku fl-infrastruttura Ewro-Asjatika inkluż permezz ta' adeżjoni usa' għall-Ftehim dwar l-Akkwist tal-Gvern tal-WTO u l-adozzjoni ta' standards tal-GPA u jappoġġaw it-twaqqif ta' siti web dedikati dwar l-akkwist pubbliku.*

6. Konklużjonijiet

³⁶ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Ostakli għall-Kummerċ u għall-Investiment, mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016.

³⁷ Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi, COM(2016) 34. Il-proposta bħalissa tinsab għall-konsiderazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

³⁸ Id-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-globalizzazzjoni", COM(2017) 240.

Din il-Komunikazzjoni Konġunta tipprovdi l-bażi għal strateġija tal-UE dwar il-konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja. **Il-prinċipji ta' konnettività sostenibbli, komprensiva u bbażata fuq ir-regoli internazzjonali jinformaw din l-istrateġija.** Permezz ta' dan l-approċċ, l-UE se ssaħħaħ il-kwalità regolatorja u l-kundizzjonijiet ekwi ta' konnettività, billi tispira ruħha mis-suq intern tagħha. Hija se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' netwerks ta' trasport, enerġija u diġitali, fuq il-bażi tal-esperjenza tagħha fil-konnettività transfruntiera. Hija se tfittex li ssaħħaħ is-sħubija tagħha ma' pajjiżi terzi, reġjuni u organizzazzjonijiet internazzjonali. Se żżid ukoll il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, il-kultura u t-turiżmu, u tgħin biex tippromwovi d-diversità u l-fluss ħieles ta' ideat. Biex tappoġġa dawn il-politiki u azzjonijiet differenti, l-UE jenħtieġ li tuża l-lievi u l-għodod fil-qafas finanzjarju tagħha biex timmobilizza investment pubbliku u privat fil-konnettività sostenibbli. Sforz konġunt tal-UE u l-Istati Membri tagħha għal komunikazzjoni, immarkar u kummerċjalizzazzjoni aħjar ta' proġetti u programmi ta' konnettività mas-sħab Asjatiċi se jkollu wkoll sehem kruċjali għas-suċċess tal-istrateġija.

Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Bank Ewropew tal-Investment u lill-partijiet interessati rilevanti biex jiddiskutu u jappoġġaw l-azzjonijiet ippreżentati f' din il-Komunikazzjoni Konġunta.